**6 ta' Mejju, 1964**

**Imħallef:**

**Onor. Prof. Joseph Henry Xuereb, LL.D**

**Pasquale Camilleri**

*versus*

**Alfred Vella Gera noe et**

**Art. 784(b) tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili — Proċeduri istitwiti mir-raġel kontra martu — Awtorizzazzjoni tal-Qorti ta' Ġurisdizzjoni Volontarja.**

*Mara miżżewġa tista' toqgħod f'kawża mingħajr l-assistenza ta' żewġha jew mingħajr l-awtorizzazzjoni tal-Qorti ta' Ġurisdizzjoni Volontarja kemm f'dawk il-kawżi illi hija tistitwixxi kontra żewġha kemm f'dawk illi żewġha jistitwixxi kontra tagħha.*

Il-Qorti, rat l-att taċ-ċitazzjoni li bih l-attur wara li ppremetta li l-Bank konvenut kien qed jiddetieni f'isem il-konvenuta Helen Camilleri t-titoli indikata fid-Dokument "A" hemm anness u preparat minnu stess u li l-imsemmi Bank, fuq talba

presumibilment ta' l-imsemmija Helen Camilleri, aċċetta li jbiegħ, kif biegħ, akkont ta' l-istess Helen Camilleri, l-imsemmi dokument) u kkonsenja r-rikavat tal-bejgħ lill-istess Helen Camilleri; u dan il-bejgħ u ħlas relativ sar mingħajr il-kunsens u ad insaputa tiegħu (i.e. ta' l-attur) u bi preġudizzju tad-drittijiet tiegħu bħala kap tal-komunjoni ta' l-akkwisti u amministratur tal-beni parafernali ta' martu; talab li: — premessa d-dikjarazzjoni li l-imsemmi bejgħ tat-titoli appartenenti lil martu u effettwat mill-Bank konvenut hu null għax magħmul mingħajr il-kunsens tiegħu (i.e. ta' l-attur), kif, għall-istess raġuni, hu null, fi fronti għalih, il-ħlas magħmul lill-martu, u premessi d-dikjarazzjonijiet u mogħtija l-provvedimenti kollha opportuni — l-kovenut Vella Gera nomine jiġi kundannat sabiex, fi żmien li jiġi lilu prefiss mill-Qorti, jixtri mill-ġdid l-imsemmija titoli biex b'hekk jirreintegra l-patrimonju tal-konvenuta Helen Camilleri u hu (i.e. l-attur) ikun jista' jeżerċità fuqu d-drittijiet lilu kompetenti skond il-liġi, u, in difett, ikun hu stess awtorizzat jixtri mill-ġdid it-titoli, akkont u a spejjeż tal-Bank konvenut, għall-iskop premess. Bl-ispejjeż inklużi dawk ta' l-ittra uffiċjali tal-ħmistax (15) ta' Jannar 1964, u tal-protest tat-tmienja (8) ta' Frar 1964 kontra l-konvenut Vella Gera nomine;

Omissis.

Rat in-nota tal-eċċezzjonijiet tal-konvenuta Helen Camilleri li biha qalet (a) preliminarjament, li skond id-dispożizzjonijiet tal-liġi donnu jidher li hija ma setatx tiġi ċitata kif ġiet ċitata; difatti skond l-artiklu 782(b) Kodiċi tal-Proċedura Ċivili l-mara miżżewġa ma tistax tiġi konvenuta mingħajr l-assistenza jew awtorizzazzjoni ta' żewġha u fil-każ tal-kawża bejn il-mara u r-raġel, l-unika ipotesi kontemplata bħala eċċezzjoni mil-liġi proċedurali hija dik kuntrarja għall-każ preżenti, ċioè meta l-mara tiċċita r-raġel (art. 784(c)) u mhux kontemplat bħala eċċezzjoni l-każ ta' meta r-raġel jiċċita l-mara. Dan hu konfermat mill-Artiklu 7 tal-Kodiċi Ċivili, skond liema artiklu

l-mara ma tistax tiġi ċitata bla awtorità tar-raġel (mingħajr ma l-liġi tagħmel ebda eċċezzjoni għall-każ ta' kawża istitwita mir-raġel stess kontra martu); f'każ simili, skond dana l-istess artiklu, jidher li jeħtieġ l-awtorizzazzjoni tas-Sekond'Awla tal-Qorti Ċivili, u (b) fil-meritu, bla preġudizzju għall-eċċezzjoni preliminari, it-talba hija nfondata, salva kull eċċezzjoni oħra li tagħti l-eċċipjenti wara li tisma l-provi tal-Bank konvenut;

Rat l-atti l-oħra tal-kawża, partikolarment in-nota tal-osservazzjonijiet tal-konvenuta Camilleri tas-seba' u għoxrin (27) ta' April 1964 fuq l-eċċezzjoni preliminari minnha sollevata;

Semgħat it-trattazzjoni orali fuq dina l-eċċezzjoni;

Ikkunsidrat:

Illi huwa evidenti li, stante in natura preġudizzjali tagħha, li tolqot il-leġittimità tal-kontradittorju, hemm lok li tiġi fl-ewwel lok deċiża l-eċċezzjoni preliminari sollevata mill-konvenuta Camilleri; dina hi fis-sens li hija missha ġiet ċitata bl-awtorizzazzjoni tal-Qorti ta' ġurisdizzjoni volontarja;

Illi kif jidher mill-kliem li użat fin-nota ta' l-eċċezzjonijiet, il-konvenuta Camilleri ma turix ċertezza kbira dwar jekk dina l-eċċezzjoni hix għal kollox bażata; imbagħad fin-nota ta' l-osservazzjonijiet tagħha, illimitat ruħha biex tirribadixxi l-argomenti sottomessi mill-attur in sostenn tat-teżi tiegħu fis-sens li eċċezzjoni simili tispetta biss lilu u li f'dana l-każ hemm il-parteċipazzjoni tiegħu fil-ġudizzju. Jiġi però hawn rilevat li l-attur semma wkoll, waqt it-trattazzjoni, l-interpretazzjoni li għandha tingħata lill-Artiklu 784(c) tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili u ċċita d-deċiżjoni riportata fil-Vol. XXXII, iv 828, li nterpretatu fuq li skorta tal-annotazzjoni ta' Sir Adrian Dingli għall-Artiklu sitta (6) ta' l-Ordinanza I tal-1873 (il-lum artiklu 7 tal-Kodiċi Ċivili); din hija proprju fis-sens li l-bżonn tal-

awtorizzazzjoni tal-mara miżżewġa da parti tar-raġel tagħha (u, in difett, mill-Qorti) biex toqgħod fil-ġudizzju (bħala attriċi jew konvenuta) jispiċċa fil-kawżi li jkollha mal-istess żewġha. Huwa veru li, kif il-konvenuta Camilleri rilevat fin-nota ta' l-eċċezzjonijiet, dak l-artiklu 784 (c) (qabel art. 790 tal-Ordinanza IV tal-1854), moqri waħdu, iħalli ċerta impressjoni li donnu japplika biss għall-każi meta l-mara tkun qegħda tagħmel kawża hi kontra r-raġel u mhux għall-każ invers, kif hu l-preżenti; kull dubju però jispiċċa meta l-istess artiklu jinqara, kif għandu, flimkien mal-artiklu 782 ibidem imsemmi wkoll fl-ewwel rig tal-artiklu 784: l-inkapaċità hemm imsemmija (fl-art. 782) hija dik li l-mara miżżewġa toqgħod f'kawża **bħala attriċi jew bħala konvenuta**, u l-kliem li jirrikorru fl-art. 784(c) li jsemmu każi li l-mara jkollha kontra żewġha indubjament jikkomprendu ż-żewġ ipotesi; anke loġikament il-prinċipju għandu jkun l-istess fiż-żewġ każi billi l-konflitt ta' l-interess bejn il-mara u r-raġel iwassal biex l-awtorità maritali, bażi ta' dina l-inkapaċità prettament legali tal-mara miżżewġa (kif juri l-fatt li tispiċċa, fiż-żewġ ipotesi wkoll, meta r-raġel ikun imsiefer — para. (a) ta' l-istess Art. 784 preċitat), issofri ċerta sospenżjoni u kwindi għandha ssofri effett simili l-inkapaċità bażata fuqha għaż-żewġ ipotesi wkoll: fiż-żewġ każi d-dibattitu jsir quddiem il-Qorti u hekk ma tonqosx dik it-tutela ġudizzjarja li l-konflitt riferit jirrendi neċessarju; dina l-istess tutela teżisti taħt forma oħra, però dejjem bl-intervent ġudizzjarju, meta dana l-konflitt ta' interessi jeżisti bejn il-miżżewġin, bħal meta l-mara miżżewġa tkun trid tagħmel xi ħaġa favur żewġha stess (e.g. Art. 1966, 2037 (2) tal-Kodiċi Ċivili);

Għal dawna l-motivi:—

Tiċħad l-eċċezzjoni preliminari opposta mill-konvenuta Helen Camilleri, bl-ispejjeż kontra tagħha, u tiddifferixxi l-kawża għat-trattazzjoni fil-mertu għas-seduta tal-ħdax (11) ta' Ġunju, 1964.